MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 233/2007

**Roxy Home Furnishings Limited (C-14659)**

**Vs**

**Sovereign Hotels Ltd (C-10538)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1646.20 (elf sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu) ekwivalenti ghall Euro 3834.61 (tlett elef, tmin mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici ghall-*laminate parquet flooring* lis-socjeta konvenuta mibjugh u kkonsenjat, liema ammont jinkludi wkoll il-prezz ta' tqeghid tal-istess.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficjali numru 3292/07, tal-mandat ta' qbid numru JVA 1929/07 presentat mal-avviz u

bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata mit-8 ta' Frar 2007, data tal-invoice relattiva sal-effettiv pagament kontra s-socjeta intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, ls-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-10 ta' Settembru 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1646.20,0) ekwivalenti ghal Euro 3834.61 (tlett elef, tmin mija u erbgha u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu) bl-imghaxijiet legali mit-tmienja (8) ta' Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali numru 3292/07 u tal-mandat ta' qbid tas-26 ta' Lulju 2007 numru 1929/07 JVA.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------